# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 117/2017

Seduta tas-26 ta' Ġunju 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**John Bonniċi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant John Bonniċi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 370766(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkuzat talli nhar id-19 ta' Ottubru, 2013, għall-ħabta ta' xi 1.00 ta' filgħaxija ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamilt ħsara fuq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni MND-155 għad-dannu ta' Miriam Spiteri u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema ħsara hija iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2500), **u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1) (b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

2. Talli fl-istes data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħasar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq vettura bil-mutur tal-għamla King Long bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS-005 għad-dannu tal-Malta Public Transport u/jew ta' entita' jew entitajiet oħra, liema ħsara iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) iżda ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt eurp (€2500), **u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1) (b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

3. talli fl-istess dta, lok, ħin u ċirkostanzi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Daniel Farrugia jekk skond ma' ċċertifika Dr. R. Busuttil M.D. (Reg No. 1854) miċ-Centru tas-Saħħa tal-Mosta, **u dan bi ksur tal-Artiklu 215 u 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla King Long bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS-005 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża, **bi ksur tal-Artiklu 15 (1) (a) (2) (3) tal-Kap 65.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-6 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat John Bonniċi mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, ikkundannatu għal 20 xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-arikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta gew sospiżi għal tlett snin.

Inoltre ordnat li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur. Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-parte leza rabtet lill-ħati b'garanzija personali għaf-favur ta' Daniel Farrugia taħt penali ta' elf euro (€1,000) għal żmien sena.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Bonniċi, ppreżentat fis-16 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li **TIKKONFERMA** dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant ħati tad-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu minnha, **TĦASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement **TILLIBERAĦ** minnhom; jew sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti:

(1) L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi. L-appellant mill-bidu nett dejjem saħaq li kien il-vittma f'dan il-każ. Hu ma seta' qatt jinstab ħati tal-(1) u (2) peress li l-intenzjoni kriminali ma tirriżultax. Hu akkużat, kemm ta' sewqan negliġenti kif ukoll talli kkaġuna ħsara volontarja kemm fuq il-vettura tal-Yaris kif ukoll tiegħu stess, li hija diffiċli li titwemmen. Dan kien biss inċident tat-traffiku li ġie mneffaħ u eżaġerat. Jidher ċar mir-ritratti illi l-appellant kien qed isuq fuq il-karreġjata tiegħu filwaqt illi l-parte ċivile kien qed jagħmel manuvra ta' sorpass minn parti tat-triq fejn mhux suppost tagħmel tali manuvra. Kien jidher li għaddej minn fuq central strip impinġija mal-art. Huwa biss il-parte ċivile li allega li kien qed jagħmel manuvra ta' sorpass li madankollu ma jistax isir fil-każ ta' karreġjata waħda u dan allavolja jistgħu jgħaddu żewġ vetturi minnha u dan peress li din il-manuvra mhijiex permissibbli mill-liġi. In oltre a differenza ta dak li stqarret il-Qorti fis-sentenza tagħha huwa evidenti mir-ritratti li ż-żewġ vetturi tkaxkru ma' xulxin u di piu l-fatt illi x-xarabank ma kellux ħsarat ma jfissirx illi ma ntlaqatx mill-parti leża. Kien ukoll l-parti leża li allega li l-ħsarat saru volontarjament mill-appellant għax hu dejjem ċaħad ir-responsabbilta. Mhuwiex kredibbli lanqas li Ivan Cassar li kien qed isuq wara x-xarabank seta' jara l-manuvra li allegatament għamel l-appellant u dan minħabba t-tul tax-xarabank u kwindi ma jistax jara lix-xufier jew jarah jikser. Dan li ra huwa telf ta' kontroll tal-xarabank u kwindi ma kien hemm l-ebda azzjoni volontarja hawnhekk. Il-Qorti qatt ma tista tkun konvinta illi l-appellant seta' għamel din il-manuvra apposta u ntenzjonalment peress li dan mhuwiex sorrett mill-provi. L-actus reus waħdu mhuwiex biżżejjed sabiex ir-reat jiġi ppruvat, apparti li lanqas dan m'huwa qed jiġi konċess mill-appellant peress li hu qed jiċħad kategorikament li saq għal fuq il-parti leża apposta jew volontarjament u li ġara li ġara sforz tal-fatt li l-parti leża misslu r-rota ta' quddiem u tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu. Jidher ċar ukoll li l-ewwel Qorti donnha emnet il-verżjoni tal-parte ċivile allavolja l-appellant dejjem baqa' konsistenti fil-verżjoni tiegħu. L-appellant daħal fil-każistika dwar x'inhu meqjus bħala sewqan traskurat u neġliġenti , sewqan bla kont u sewqan perikoluz, apparti li għal dak li jirrigwarda n-negliġenza, hemm żewġ tejoriji (oggettiv u suġġettiv). Fil-fehma tal-appellant u konsegwentement għal dak li ntqal preċedentement l-appellant ma jistax jinstab ħati ta' sewqan traskurat, negliġenti u perikoluz peress li ma kienx qed isuq b'dak il-mod tenut kont tal-fatt li hu sempliċiment tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu meta seħħ l-impatt. Hu kellu l-indicator mixgħul minn qabel biex b'hekk jibqa' fuq il-karreġjata li kien fuqha. Il-fatt li l-appellant irċieva ittra mit-transport Malta li indikat li hu kien responsabbli għall-inċident ma tikkostitwix prova u b'hekk din l-ittra ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni.

(2) Il-piena erogata hija waħda sproporzjonata għall-aħħar. L-appellant kien għadu kif tilef lil ommu meta seħħ l-inċident u ġie ulterjorment ippenalizzat meta tkeċċa mix-xogħol tiegħu. Hu ma ngħatax l-opportunita' li jirriforma ruħu mill-ewwel Qorti. In oltre l-iskwalifika tal-liċenzja oltre s-

sentenza sospiża prattikament fil-massimu possibbli hija eżaġerata tenut kont li konsegwentement huwa ġie mpedut milli jaħdem. Kwindi qed jitlob li din ma terġax tiġi applikata fl-eventwalita li din il-Qorti terġa ssibu ħati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fl-aggravji minnu intentati l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi billi l-verzjoni moghtija minnu kienet wahda iktar verosimili minn dik tal-parti leza u allura ma huwiex minnu illi huwa kien responsabbli ghas-sinistru stradali mertu tal-kaz u illi l-incident sehh b′mod doluz kif allegat. Dan ghaliex jichad illi huwa habat bix-xarabank misjuqa minnu ghal fuq il-vettura tal-parti leza b′mod doluz.

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi l-appellant qed isejjes dan l-aggravju fuq it-test tal-kredibbilita' billi jishaq illi l-verzjoni moghtija minnu kienet wahda aktar verosimili minn dik tal-parti leza. Illi jibda' biex jinghad f'dan ir-rigward illi l-Ewwel Qorti kellha il-vantagg fuq din il-Qorti li taghmel l-ezami mehtieg sabiex tigi ewalwata x-xiehda ta' dawk li xehdu quddiemha *viva voce* u dan fit-termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali tant ghalhekk illi '*id-deċiżjoni (dwar il-kredibilta tax-xhieda) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...*'. [2] Tant hi essenzjali dina l-evalwazzjoni mill-Qorti u dan meta tigi biex taghmel apprezzament tal-fatti tal-kaz illi allura anke jekk ikun hemm kunflitt fil-provi dan ma iwassalx necessarjament ghal liberatorja tal-persuna akkuzata billi verzjoni tista' tinghata aktar affidabilita' minn verzjoni ohra u anke xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed sabiex tirrzulta r-reita'.

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[3], '*..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

Illi huwa indubitat illi dan l-ezercizzju sar u sar b'mod dettaljat u erudit mill-Ewwel Qorti tant illi d-decizjoni taghha giet imsejsa mhux biss fuq ix-xiehda tal-parti leza u tal-appellant, izda kienet imsejsa fuq il-provi indizzjarji l-ohra li gew imressqa kif ukoll fuq xiehda diretta ta' xhud indipendenti li kien prezenti waqt is-sinistru u allura kien xhud okulari ta' dak kollu li sehh. Illi allura l-Ewwel Qorti qieset illi din l-evidenza kienet tali li jsahhah il-verzjoni tal-parti leza u mhux dik tal-appellant.

Maghdud dan, madanakollu, din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn

---

[2] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[3] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

fejn irrizultalha illi nhar id-19 ta' Ottubru 2013 il-pulizija tad-distrett tal-Ħamrun ġew infurmati li kienet għada kif seħħet kollizjoni fil-*bypass* tal-Marsa u li kien inqala' argument bejn is-sewwieqa tal-vetturi kkonċernati wara din il-ħabta. Jidher li filwaqt li l-parte civile Daniel Farrugia kien qed isuq il-vettura tieghu Toyota Yaris u kien qed jipprova jissorpassa x-xarabank misjuqa mill-appellant minn naha tal-lemin taghha, l-appellant beda jross ix-xarabank mal-vettura tal-parte ċivile li beda jipprova jattiralu l-attenzjoni billi idoqqlu l-*horn*. L-appellant hawnhekk jikkontendi illi Farrugia beda anki joffendieh, f'liema mument jidher illi saq għal fuq il-Yaris volontarjament fejn b'riżultat sehh l-impatt bil-vettura ta' Farrugia tigi imkahhla ghal gol-hajt u z-zewg vetturi iggarrbu diversi ħsarat. Illi ghal dan is-sinistru stradali kien hemm xhud okulari, ċertu Ivan Cassar li kien qed isuq wara l-vetturi nvoluti f'dan l-incident. Jidher illi wara li sehhet il-kollizjoni inqala' divverbju bejn l-appellant u Farrugia tant illi Cassar mar biex ifferaq il-ġlieda u kien anki tkellem mal-appellant wara l-inċident sabiex jistaqsih għalfejn kien għamel dik il-manuvra għal fuq il-Yaris. Jidher illi l-appellant wieġbu li kienet għada kif mietet ommu u kif sema lil Farrugia joffendieh biha, qabad u kiser ix-xarabank ghal ġol-vettura tieghu. L-appellant fl-istqarrija minnu rilaxxjata, izda, jiċħad li hu kien qed isuq b'mod traskurat u negliġenti filwaqt li allega li kien Farrugia li laqat r-rota ta' quddiem tax-xarabank bil-vettura tieghu meta issikka mieghu tant li dan wasslu sabiex tilef il-kontroll fis-sewqan tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi abbazi ta' dawn il-fatti probatorji, l-appellant gie mixli bl-offiza tal-ħsara volontarja kif ukoll b'dik tas-sewqan traskurat, bla kont u/jew perikoluż, liema reat huwa imfassal fil-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dak li jirrigwarda l-ħsarat volontarji dawn ġew allegatament ikkaġunati fil-vettura tal-għamla Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni MND155 u x-xarabank misjuq mill-istess appellant, tal-għamla King Long bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS005. Illi fid-dawl tad-data tal-akkużi mertu ta' dan il-każ, il-Qorti trid tqies l-akkużi dwar l-offizi tal-ħsara volontarja kif mahsuba fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali qabel id-dhul fis-sehh tal-

emenda maghmula ghal din id-disposizzjoni tal-ligi fis-sena 2014.[4]

Illi ezaminati mill-gdid l-atti processwali allura din il-Qorti trid tqies jekk l-Ewwel Qorti ezercitatx id-diskrezzjoni taghha b'mod zbaljat meta ghazlet li temmen il-verzjoni tal-parti leza u dan peress illi l-partijiet mhumiex qedgħin jaqblu fuq id-dinamika tal-inċident billi xehtu t-tort fuq xulxin. Farrugia, il-parti leża, jikkontendi li hu u tiela' fil-liwja li tagħti għall-Marsa minn Triq Regjonali, filwaqt li kien qed isuq il-vettura tal-għamla Toyota Yaris, għamel manuvra ta' sorpass fuq in-naħa leminija ta' dik it-telgħa filwaqt li fuq ix-xellug tal-istess liwja kienet tiela' l-karrozza tal-linja misjuqa mill-appellant. Skond il-parti leża hu paqpaq il-*horn* sabiex jattira l-attenzjoni lill-appellant dwar dak li kien qed jagħmel u jgħid ukoll li qallu biex jersaq fil-ġenb, izda jishaq li minflok ghamel dan u ħallieh jgħaddi, f'daqqa waħda l-appellant dawwar x-xarabank misjuqa minnu għal ġol vettura ta' Farrugia u spicca kahhlu mal-ħajt tant illi gew ikkagjonati ħsarat estensivi u rriparabli fil-vettura Yaris. Wara dan l-parti leża u l-appellant ġew fl-idejn liema tilwima ntemmet grazzi għall-intervent ta' Ivan Cassar, xhud okulari li kien qiegħed isuq wara l-vetturi kkonċernati f'dan l-inċident u li wkoll xehed fil-proċeduri. Cassar, da parti tiegħu, jikkorrobora fil-biċċa l-kbira l-verżjoni ta' Farrugia dwar kif seħħ dan is-sinistru stradali fejn iżid jgħid li hu avviċina lill-appellant u staqsieħ għalfejn kien għamel dik il-manuvra li hu rreferha għaliha bħala stramba, u skond id-deposizzjoni tiegħu l-appellant qallu illi kif sema' lil Farrugia joffendieh b'ommu, li kienet għada kif mietet, bir-rabbja hu ġibed għal fuqu (Farrugia) u sammru mal-ħajt.

Mill-banda l-oħra l-appellant jagħti verżjonijiet differenti dwar kif seħħ l-akkadut fejn f'kull waħda minnhom jgħid li l-parti leża kien responsabbli għall-inċident filwaqt li hu ma kellu l-ebda tort ghal dak illi sehh. Inizzjalment fir-rapport tal-PIRS hu jistqarr li filwaqt li kien qed isuq fuq il-kareġġjata xellugija, Farrugia avviċinah bil-vettura tiegħu u beda joffendieh b'ommu u li kien Farrugia li kiser il-vettura ghal fuq ix-xarabank bil-konsegwenza liz-zewg vetturi baqghu jitkaxxkru flimkien. Jgħid ukoll li kien Farrugia li ħebb għalih wara dan l-akkadut filwaqt li hu pprova

[4] Att XXIV/2014.

jiddefendi lilu nnifsu. Sussegwentement meta rrilaxxa l-istqarrija stqarr li filwaqt li kien fi triqtu fid-direzzjoni tal-Marsa, Farrugia avviċinah bil-vettura tiegħu, beda jdoqqlu l-horn u jgħidlu biex jersaq fil-ġenb apparti li beda joffendieh b'ommu u kif l-appellant ċaqlaq naqra l-i*steering* tax-xarabank, Farrugia li kien issikkat miegħu laqatlu r-rota ta quddiem. Konsegwentement jgħid li peress li kien qed isuq b'id waħda, hu tilef il-kontroll tax-xarabank u b'hekk ġibed għal fuq il-Yaris. Finalment meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti stqarr li kien kien qed isuq fuq il-karreġjata xellugija u baqa fuq in-naħa tax-xellug hekk kif qabad it-telgħa li minn Triq Regjonali tiehu lejn il-Marsa fejn it-traffiku minn zewg karreggjati jispicca f'kareggjata wahda. Hu ighid li baqa' isuq fuq l-istess karreggjata, lejn in-nofs sakemm sar l-impatt. X'ħin mexa madwar 150 metru, ġiet karozza maġenbu li qabżitu min-naħa ta' barra. Ix-xufier ta' din il-vettura beda jdoqqlu l-ħorn u joffendieh u daħal ġo fih bir-rota ta' quddiem. Bl-impatt l-i*steering wheel* harab minn taht idejh u sehhet il-kollizjoni. Kif niżel mix-xarabank ighid li l-parte ċivile aggredieh. Beda jtiħ bis-sieq u bil-ponn, kissirlu snienu u ħariġlu d-demm u dan għax ħaseb li hu kien ġibed ġo fiħ apposta, meta dan ma kienx minnu. L-appellant jgħid li kien qed isuq b'veloċita' ta' 39 kilometru fis-siegha u b'hekk l-ebda hsara ma giet ikkagjonata fix-xarabank, b'liema offiza huwa jinstab mixli ukoll, billi l-unika hsara fix-xarabank kienet tikkonsisti fi brix. Jiftakar li kien hemm raġel ieħor li kien qiegħed ġewwa karrozza oħra li kif ra t-tilwima intervjena bejniethom. Hu ttieħed l-isptar għal kura u ġie sospiz minn fuq il-post tax-xogħol. Jiċħad li hu qatt ammetta li kien għamel il-manuvra in kwistjoni intenzjonalment jew volontarjament u jikkontendi illi x-xhud Cassar mill-posizzjoni fejn kien ma seta' qatt jarah jaghmel il-manuvra kif allegat minnu.

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-verżjoni rrilaxxjata mill-parti leża kif ikkorroborata mix-xhieda ta' Cassar hija aktar attendibbli minn dik tal-appellant u dan qed jingħad mhux biss għax hemm diverġenzi fil-verżjonijiet mogħtija mill-appellant a differenza tal-parti leża li dejjem baqa' konsistenti fi

kliemu iżda wkoll peress li l-verzjoni tal-appellant ma ssibx konfort lanqas mill-provi indizzjarji. Illi l-mod kif spiccaw il-vetturi wara l-impatt u l-hsarat riskontrati fihom, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, jikkonfortaw il-verzjoni tal-parti leza u mhux dik tal-appellant u dan meta l-ebda hsara ma giet riskontrata fuq ir-rota tax-xarabank, kif jikkontendi l-appellant, u lanqas huwa plawsibbli kif vettura zghira bhal Yaris setghet wehhelt max-xarabank tant illi spicca tkaxkar maghha.  Fuq kollox it-triq fejn sehh l-incident hija wiesgha bizzejjed li tippermetti zewg vetturi ighaddu minn hdejn xulxin komodament sal-punt meta imbaghad tidjieq u tispicca f'karreggjata wahda. Huwa allura aktar verosimili għal din il-Qorti li temmen il-verzjoni ta' Farrugia li pprova jagħmel manuvra ta' sorpass qabel ma tidjieq it-triq biex jaqbez ix-xarabank, paqpaq u attira l-attenzjoni tal-appellant sabiex jersaq lejn il-genb, fejn x'aktarx tawwal ilsienu u qal diskors mhux xieraq, liema diskors irrabja lill-appellant li ddeċieda jagħmel din il-manuvra għal fuq il-Yaris misjuqa mill-parti leża.  Illi fuq kollox din il-verzjoni kif inghad hija ikkonfermata minn Ivan Cassar li kien xhud okualri u indipendenti ghal dan is-sinsitru tant illi meta huwa kellem lill-appellant wara l-incident dan ammetta mieghu il-mottiv li wasslu sabiex jagixxi b'dan il-mod irresponsabbli.

Illi allura ghalkemm il-manuvra ta' sorpass minn Farrugia setghet kienet wahda avventata u mhux mehtiega, madanakollu dan il-fatt waħdu ma jistax jeskludi r-responsabbilta' tal-appellant ghal dan is-sinistru u dan ghaliex huwa agixxa b'mod doluz meta ddeċieda li jagħmel din il-manuvra li assolutament ma kinitx meħtieġa fiċ-ċirkostanzi ndikati. Dan ifisser illi in-negliġenza kontributorja tal-parti leza ma tista' qatt tezonera lill-appellant mill-htija tieghu tant illi l-intenzjoni kriminuza tieghu tirrizulta mill-fatt illi kif inghad fil-post fejn sehh l-incident it-triq kienet wiesgha li setghet takkomoda zewg vetturi komodament u kwindi li kieku l-appellant ippermetta lil parti leza jissorpassah, l-incident kien jigi evitat.

In oltre għal dak li jirrigwarda l-akkuza dwar is-sewqan negliġenti, traskurat u/jew perikoluż m'hemm l-ebda dubbju lanqas li bil-manuvra in kwistjoni, l-appellant għamel azzjoni perikoluża li setgħet ikkaġunat aktar minn inċident stradali wieħed,

apparti li seta' jweġġa gravament lill-parti leża li fortunatament ħelisha ħafif, iktar u iktar tenut kont tal-fatt illi l-appellant kien qed isuq vettura ferm akbar u b'sahhitha minn dik tal-parti leża.

Konsegwentement din il-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam imqanqal mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi jishaq illi din hija waħda eċċessiva u sproporzjonata u li *de minimis* il-Qorti ma kelliex timponi s-sospenzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant, tenut kont tal-fatt illi hu għandu bżonn il-liċenzja tas-sewqan għax-xogħol tiegħu ta' kuljum.

Illi jibda' biex jingħad illi l-Qorti hija tal-opinjoni li l-aġir tal-appellant kien wiehed perikoluż u mhux biss traskurat, tenut kont ukoll illi bhala sewwieq ta' xarabank hu irid izomm quddiem ghajnejh mhux biss is-sigurta' tieghu u tal-utenti l-ohra tat-triq, izda jinkombi fuq spallejh fuq kollox ir-responsabbilita' ghas-sigurta tal-passiggieri li jkunu rekbin mieghu. Dan allura iwassal ghall-applikazzjoni tas-subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu bis-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tkun waħda mandatorja għal perijodu ta' mhux inqas minn tlett xhur.

Mhux biss izda meta giet biex teroga l-piena fil-konfront tal-appellant, l-Ewwel Qorti qieset diversi fatturi inkluż il-fatt illi l-appellant tilef ix-xogħol tiegħu minħabba dan l-akkadut. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandiex raġuni valida li jista' iwassalha tvarja l-piena inflitta li *del resto* hija wahda fil-parametri tal-ligi.

Għal dawn il-motivi il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, biz-zmien ghas-sospenzjoni tal-licenzja tas-

sewqan jibda' jiddekorri mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur